**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
**-----------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA12.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sur Vincent Borg - Membru.
Is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Michele Fenech Adami – Membru kien skużat.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-24 ta' Frar 2012.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.
3. Offerti – MXR/004/2011 - Proġett Passaġġ ta' Triq San Xmun.
4. Offerti – MXR/003/2012 – Fanali, *Litterbins* u Bankijiet fi Triq il-Kantra.
5. Offerti – MXR/004/2012 – Bankina u *Railings* fi Triq il-Kantra.
6. Memo 90/2011 – Skema Attivitajiet Sportivi 2012.
7. Laqgħa tal-Lokalita' 2012.
8. Rapport taċ-*Chairperson*.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-membri.
12. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA10.

**2.00 Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.**

2.01 Il-Proġett tal-Passaġġ ta' l-Għar ta' Karolina għadu pendenti peress li l-MEPA għadha ma ħarġitx il-Permess.

**3.00 Offerti – MXR/004/2011 - Proġett Passaġġ ta' Triq San Xmun.**

3.01 Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar din l-offerta.

Il-kaxxa ta' l-offerti ngħalqet u nfetħet fis-17 ta' Jannar 2012 u nstabu tliet offerti:

(1) Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. - €55,793.51
(2) J Portelli Projects - €62,702.03
(3) Patrick & Dominic Refalo - €75,737.81

Il-Kumitat ikkummissjona lill-Perit William Lewis sabiex jeżamina l-offerti mitfugħin.

Il-Perit William Lewis fir-rapport tiegħu rrakkomanda lill-Kumitat li din l-offerta tingħata lil Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. minħabba li hija l-orħos offerta.

Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi qabel unanimament mar-rakkommandazzjoni tal-Perit u li l-offerta tingħata lil Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. peress li kienet l-orħos offerta.

**4.00 Offerti – MXR/003/2012 – Fanali, *Litterbins* u Bankijiet fi Triq il-Kantra.**

4.01 Il-kaxxa ta' l-offerti ngħalqet u nfetħet fil-15 ta' Frar 2012 u nstabu tliet offerti:

(1) Bugeja Bros. (Gozo) Ltd.
(2) Rapa Showroom Co. Ltd.
(3) Mario Mallia

Il-Kumitat ser jieħu parir mingħand il-Kuntratti peress li mhux kollha mxew ma' l-i*specifications* mitluba.

**5.00 Offerti – MXR/004/2012 – Bankina u *Railings* fi Triq il-Kantra.**

5.01 Il-kaxxa ta' l-offerti ngħalqet u nfetħet fil-15 ta' Frar 2012 u nstabu tliet offerti:

(1) Bugeja Bros. (Gozo) Ltd.
(2) Rapa Showroom Co. Ltd.
(3) J Portelli Projects

Il-Kumitat talab lill-Perit William Lewis sabiex jipprepara rapport fuq dawn l-offerti sabiex il-Kumitat ikun jista' jiddeċiedi.

**6.00 Memo 90/2011 – Skema Attivitajiet Sportivi 2012.**

6.01 Il-Kumitat kien applika sabiex jiġu organizzati mixjiet fl-aħrax tax-Xlendi u madwar il-kosta u sisien tax-Xlendi. Flimkien ma' dawn applika wkoll sabiex isiru *shallow dives* għar-residenti tax-Xlendi u Il-Munxar. Huwa stmat li l-ispiża ser tkun ta' €2,027 fejn il-Kunsill Malti għall-Isport ser iħallas nofsha.
Il-mixjiet ser isiru fis-7 u 8 t' April 2012 filwaqt li x-*shallow dives* ser isiru fl-Lulju/Awwissu.

**7.00 Laqgħa tal-Lokalita' 2012.**

7.01 Il-Laqgħa tal-Lokalita' saret fil-15 ta' Frar 2012 u kien hemm attendenza ta' erbatax-il persuna. L-ilment priċipali kien dwar il-kisi ta' Triq ir-Rumani, fejn dawk preżenti ġew spjegati dwar il-pożizzjoni tal-Kumitat. Mill-bqija ma kienx hemm ilmenti iżda pjuttost saru xi suġġerimenti ta' kif għandu jissebbaħ Ix-Xlendi. Il-Kumitat kien ser jibgħat ittra lir-residenti ta' Triq ir-Rumani u Triq il-Kavallieri sabiex tiġi spjegata l-pożizzjoni tal-Kumitat.

**8.00 Rapport taċ-*Chairperson*.**

8.01 Iċ-*Chairperson* qara l-ittra li hu flimkien mas-Sindku tal-Kunsill Lokali Il-Munxar ippreparaw u li ser titqassam f' kull dar li jinsabu fit-toroq: Kavallieri, Rumani, l-Andrijiet u Ta' Rinota. L-ittra tgħid hekk:

Aħna hawn taħt iffirmati, għan-nom tagħna u tal-Kunsilliera sħabna xtaqna nibagħtu din in-nota żgħira fid-djar tagħkom, lilkom residenti ta' dawn it-toroq. Dan għaliex qed jirriżultalna li forsi l-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' dawn it-toroq qed tiġi misinterpretata.

Kif spjegajna fil-Laqgħa tal-Lokalita' dawn it-toroq huma taħt ir-responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali għax qed isiru l-ewwel darba.

Meta d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħabbar li ser joħroġ skema biex jgħin fil-bini ta' toroq residenzjali li għadhom ma sarux, il-Kunsill ħass li għandu japplika biex iġib fondi u jkun jista' jgħin fil-bini ta' dawn it-toroq.

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar irnexxilu jakkwista €160,146 - nofs l-ammont ta' l-ispiża biex isiru dawn it-toroq. Dawn huma flus imwiegħda bil-kundizzjoni li x-xogħol isir fi żmien sentejn. Fil-*budget* għal din is-sena, l-Kunsill Lokali Il-Munxar u l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi allokajna somma biex tmur speċifikament għal dawn it-toroq ukoll. Tlabna sabiex issir laqgħa mal-Gvern Ċentrali fejn ħa nipproponu dawn il-proposti:

1. Jagħtina għajnuna finanzjarja li tagħmel tajjeb għad-differenza li jonqosna biex isiru x-xogħlijiet bit-*tender* li ħriġna apposta għal dawn it-toroq, jew

2. Joħroġ it-*tender* il-Gvern Ċentrali u bil-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali ngħaddu l-fondi tagħna għal dawn it-toroq lill-Gvern Ċentrali.

Nittamaw li jintlaħaq xi tip ta' ftehim ħalli naraw li dawn it-toroq ikunu fi stat li jixraq lir-residenti tagħna.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku ma kellux x' jirrapporta.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba sabiex Triq il-Kavallieri fejn ma hijiex asfaltata titranġa bit-torba bħalma qed titranġa Triq ir-Rumani. Is-Segretarju Eżekuttiv kien diġa' kellem lill-Kuntrattur sabiex jirranġa bit-torba.

10.02 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba sabiex isir *patching* bil-*concrete* fi Triq is-Sajjieda. Kien hemm qbil dwar dan.

10.03 Is-Segretarju Eżekuttiv kien irċieva *e-mail* mingħand ir-Rappreżentant tal-HSBC Bank Malta plc fejn qed juru interess sabiex jikru l-*ex*-Bank of Valletta *Kiosk* tax-Xlendi. Huma jixtiequ jikru din il-kamra sabiex tintuża għal ATM *Banking Services* fix-Xlendi. Huma lesti li jipprovdu CCTV *coverage* tal-*Parking* minn fuq din il-*Kiosk*. Huma qed jitolbu sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt sa mhux aktar tard mit-30 t' April 2012 u jkun għal 3 snin. Il-Kunsill irid japplika mal-MEPA sabiex din il-Kiosk tibda sservi ta' ATM. Huma qed jitolbu wkoll ir-*right of first refusal*. Kien hemm qbil li l-Kumitat jagħmel sejħa pubblika.

10.04 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva ilment li Triq il-Ġostra qed tkun mudlama. Huwa mar ma' l-Inġinier Galea fuq il-post u l-Inġinier issuġġerixxa li ssir bozza ma' arblu diġa' eżistenti. Kien hemm qbil dwar dan.

**11.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

11.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Is-Sindku fakkar lill-Kumitat li r-*road hump* li hemm fi Triq San Xmun ser titneħħa bħalma ser jitneħħew żewġ *road humps* fil-Munxar.

12.02 Is-Sindku irċieva talba sabiex parti minn bankina fi Triq ir-Rabat eżattament quddiem Calleja Flats titbaxxa biex tkun tista' tintuża mill-*wheelchairs* u *pushchairs*. Kien hemm qbil dwar dan.

12.03 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex f' parti ta' Triq ir-Rabat jerġa' jsir *single yellow line* man-naħa tal-*Parking*.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***